# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 1016/2022FDP**

Fl-ismijiet

**David Grech [K.I. Numru 0132977(M)]**

***vs***

**Lino Grech [K.I. Numru 432669(M)] u Carmen Grech [K.I. Numru 418075(M)] għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrent għamel xogħolijiet ta' tqattiegħ u skavar għall-intimat Lino Grech f'Grazzja Farmhouse, Leonard Street, Ħaż-Żabbar bejn is-snin elfejn u tlettax (2013) u l-elfejn u sittax (2016).*

    2. *Illi l-pagament għal dawn ix-xogħolijiet li ġew eżegwiti jammontaw għas-somma ta' tmintax-il elf Ewro (€18,000) liema ammont kien miftiehem bejn ir-rikorrenti u l-intimat Lino Grech minn qabel beda' x-xogħol.*

    3. *Illi dan il-ftehim verbali sar meta l-intimati Lino u Carmen Grech kienu diġa' miżżewġin, liema żwieġ huwa rregolat mill-komunjoni tal-akkwisti.*

    4. *Illi meta tlestew dawn ix-xogħolijiet, l-intimat Lino Grech ħallas lir-rikorrent elfejn Ewro (€2,000) biss mis-somma globali dovuta ta' tmintax-il elf Ewro (€18,000).*

5. *Illi, għalkemm l-intimat Lino Grech ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-kumplament tas-somma, u ċioe` sittax-il elf Ewro (€16,000), inkluż b'ittra ġudizzjarja datata t-28 ta' Jannar, 2022, (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A) huwa baqa' inadempjenti.*

6. *Illi l-imsemmi ammont ta' sittax-il elf Ewro (€16,000) huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimat Lino Grech lir-rikorrent u, fil-fehma tal-istess rikorrent, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artiklu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi, fil-fehma tal-istess rikorrent, il-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.*

7. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent, in vista tal-premess u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, jitlob, bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i) *Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

ii) *Tiddikjara lill-konvenut Lino Grech bħala debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' sittax-il elf Ewro (€16,000), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u dan mingħajr preġudizzju għall-imgħax dovut.*

iii) *Konsegwentement tiddeċiedi, tordna u tikkundanna lill-konvenut Lino Grech iħallas lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat ta' sittax-il elf Ewro (€16,000) lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura, inkluż tal-ittra uffiċċjali bin-numru 9/22 datata t-28 ta' Jannar, 2022, flimkien mal-imgħaxijiet legali b'effett mill-31 t'Awwissu, 2013, kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-16 ta' Frar 2023, wara illi l-intimati dehru quddiem il-Qorti w ikkontestaw il-proċeduri sommarji meħuda fil-konfront tagħhom, laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skont l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16.*

   2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, l-ebda xogħolijiet ma saru mill-attur bejn l-2013 u l-2016.*

   3. *Illi l-uniku xogħol li ta' tqattiegħ u skavar li eżegwixxa l-attur fuq inkarigu tal-konvenut kien fl-2010 u l-ftehim dwar ħlas kien rata għal kull ġurnata*

*xogħol bil-gaffa u mhux somma fissa. Kwalunkwe ammont li kien dovut kif qed jiġi spjegat tħallas kollu u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi**

3. Rat l-Ittra Uffiċċjali datata 28 ta' Jannar 2021 mibgħuta minn David Grech lil Lino Grech a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12. (fol 6)

4. Rat l-affidavit ta' **Ramon Galea**, ippresżentat fl-20 ta' Ġunju 2023 mir-rikorrent. (fol 25)

5. Rat l-affidavit ta' **George Grech**, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2023 mir-rikorrent. (fol 26)

6. Rat l-affidavit ta' **Grazio Farrugia**, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2023 mir-rikorrent. (fol 27)

7. Rat illi f l-20 ta' Ġunju 2023 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

8. Rat l-affidavit tar-rikorrent **David Grech**, ippreżentat tardivament mir-rikorrent iżda ammessa minn dina l-Qorti fil-25 ta' Novembru 2022. (fol 88)

9. Rat l-affidavit ta' l-intimat **Lino Grech**, ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2023. (fol 29 sa 31)

10. Rat l-affidavit ta' l-intimata **Carmen Grech**, ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2023. (fol 32-34)

11. Rat id-dokumentazzjoni eżebita minn Lino Grech, konsistenti f'elenki ta' xogħol u pagamenti kif ukoll ċekkijiet varji. (fol 48 sa 65)

12. Rat illi fil-21 ta' Novembru 2023 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

13. Semgħet il-kontro eżami ta' Raymond Galea illi sar fid-29 ta' Frar 2024.

14. Semgħet il-kontro eżami ta' George Grech illi sar fid-29 ta' Frar 2024.

15. Semgħet il-kontro eżami ta' Grazio Farrugia illi sar fid-29 ta' Frar 2024.

16. Semgħet il-kontro eżami ta' Carmen Grech illi sar fid-29 ta' Frar 2024.

17. Semgħet il-kontro eżami ta' Lino Grech illi sar fid-29 ta' Frar 2024.

18. Semgħet il-kontro eżami ta' David Grech illi sar fid-29 ta' Frar 2024.

19. Rat illi fid-29 ta' Frar 2024 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali.

20. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentati fil-5 ta' April 2024.

21. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ppreżentati fil-11 ta' Ġunju 2024.

22. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

23. Jirriżulta illi r-rikorrenti huwa kuntrattur illi jaħdem, fost affarjiet oħra, fil-qasam ta' tqattiegħ u skavar ta' blat b'inġenji mekkaniċi tiegħu.

24. Jirriżulta illi bejn is-sena 2013 u 2016, ir-rikorrent jikkontendi illi għamel xi xogħolijiet ta' skavar u tqattiegħ fil-fond ta' l-intimati, ossija Grazia Farmhouse, Leonard Street, Ħaż-Żabbar.

25. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi huwa kien jitħallas €210 kuljum u kellu kont ma' l-intimati fl-ammont ta' €18,000, li minnu ħallsuh biss €2,000.

26. Jirriżulta illi għalhekk, wara Ittra Uffiċċjali mibgħuta fit-28 ta' Jannar 2021, permezz tal-kawża odjerna datata 28 ta' Ottubru 2022 huwa kien qiegħed jitlob għall-ħlas ta' €16,000 għal servizzi ta' skavar u tqattiegħ minnu magħmula fis-sena 2016.

27. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati jikkontendu illi x-xogħol illi kien attwalment għamel ir-rikorrent kif sar fis-sena 2010 u 2011, li għalih ir-rikorrent David Grech kien tħallas is-somma ta' €4,227.81.

28. Jirriżulta illi l-intimati, in sostenn ta' dak minnhom dikjarat, eżebew rendikont dettaljat tax-xogħol kollu illi kien għamel r-rikorrent David Grech fis-snin 2010 u 2011, kif ukoll rendikont tal-pagamenti kollha illi għamlulu b'kopji taċ-ċekkijiet.

29. Ir-rikorrent, da' parte tiegħu, ippreżenta tlett xhieda, li ftit li xejn jistgħu jitqiesu bħala affidabbli, u dan għar-raġunijiet segwenti:

    a. **Ramon Galea**, burdnar, stqarr b'affidavit, illi fis-sena 2016 mar jgħabbi terrapien mir-razzett ta' l-intimati u kien jara lir-rikorrenti David Grech jaħdem hemm. Madanakollu, mistoqsi in kontro eżami, stqarr illi ma jiftakarx id-data filwaqt illi l-intimati eżebew ċekk datat 25 ta' April 2011 (fol 63) indirizzat lil missier Ramon Galea, ossija Raymond Galea, u li, kif ikkonferma Raymond Galea stess, jirrappreżenta l-ħlas għas-servizz tal-ġarr tal-materjal illi, skond Galea, għamel fis-sena 2016 – jidher illi Raymond Galea jista' jkun mogħni bil-viżjonijiet tal-futur u fis-sena 2011 tħallas għal xi ħaġa li, skond hu, għamel fis-sena 2016. Kollox huwa possibbli fid-dinja ta' llum, imma ċertament mhux kredibbli għal dina l-Qorti!

    b. **George Grech**, bennej, stqarr b'affidavit, illi kien għamel xogħolijiet għall-intimati, "*ma nistax niftakar eżatt iż-żmien meta għamiltlu x-xogħolijiet, iżda kien ftit taż-żmien ilu*" u kien jara lir-rikorrenti David Grech hemm. Madanakollu, in kontro eżami, George Grech ikkonferma illi kien tħallas Ta' kollox permezz ta' ċekkijiet, liema ċekkijiet ġew eżebiti mill-intimati u jidher illi nħarġu lkoll bejn Jannar u Mejju tas-sena 2011 – vide fol 59 sa 62.

c. **Grazio Farrugia**, burdnar, stqarr b'affidavit, illi fis-sena 2016 mar jgħabbi t-terrapien mid-dar ta' l-intimati w hemmhekk ra lir-rikorrenti David Grech jaħdem. Madanakollu, mistoqsi in kontro eżami, Grazio Farrugia la seta' jiftakar meta ġarr il-materjal u wisq anqas seta' jagħraf ebda miż-żewġ intimati preżenti fl-Awla, u dana minkejja li, skond Grazio Farrugia, kienu huma, bħala sidien tal-post, illi ħallsuh €250 għal ħames vjaġġi terrapien. Il-Qorti tistqarr illi hija ferm diffiċli illi temmen il-verżjoni ta' persuna li ma jiftakar xejn u ma jagħrafx lil min qabbdu jagħmel ix-xogħol iżda, kumbinazzjoni, jiftakar jara lil David Grech jaħdem għand l-intimati fis-sena 2016.

30. Ir-rikorrenti, imbagħad, wara illi kienu ġia magħluqin il-provi tiegħu, ippreżenta l-affidavit tiegħu fejn, għal darba oħra kkonferma illi għamel xogħolijiet ta' tqattiegħ tal-blat u dana, skond hu, bejn is-snin 2013 sa 2016 – ma ressaq ebda tip ta' dokumentazzjoni in sostenn ta' dan.

**Ikkunsidrat**

31. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hija tassew inkredula kemm bil-faqar tal-provi mressqa mir-rikorrent u, aktar u aktar, bil-fatt illi r-rikorrent, qed jitlob għall-ħlas ta' servizzi minnu reżi allegatament bejn is-snin 2013 sa 2016, fis-sena 2022, ossija aktar minn sitt snin wara.

32. Il-Qorti hija wkoll daqstant inkredula jekk mhux skonċertata kif persuna mgħallma fil-Liġi qatt setgħet toħlom illi tippreżenta din it-tip ta' kawża – forsi hemm bżonn illi jmur għal xi revision courses!

33. Din hija kawża klassika intiża unikament sabiex trendi flus lil min ma ħaqqux u taħli l-ħin prezzjuż kemm lill-Qorti kif ukoll lill-partijiet kollha inklużi fil-kawża, u dan biss għal benefiċċju ta' min irrediġa l-kawża!

34. L-Artikolu 2148 jipprovdi perjodu ta' preskrizzjoni ta' <u>**tmintax-il (18) xahar**</u> u, għal benefiċċju ta' min rrediġa l-azzjoni odjerna, biex tevitalu l-ħtieġa illi jmur għal revision course, għalkemm xorta waħda tissuġġerihielu, il-Qorti qiegħda hawnhekk tirriproduċihielu. Din di fatti tipprovdi dan li ġej:

*2148.*

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' <u>persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika</u>, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħolijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu.*

35. Fil-każ odjern, huwa ċar illi s-servizzi magħmula mir-rikorrenti David Grech kienu xogħolijiet ta' skavar u tqattiegħ tal-blat, ossija xogħol ta' entita' limitata u ċertament mhux ta' bini, liema xogħolijiet għalhekk għandhom jitqiesu bħala magħmula minn "*persuni li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika*" – wara kollox l-iskavar ma sarx b'idejh, iżda sar b'inġenji mekkanizzati!

36. Mill-provi miġbura quddiem dina l-Qorti, l-intimati jikkontendu illi x-xogħolijiet saru bejn is-snin 2010 u 2011, filwaqt illi r-rikorrenti jikkontendi illi saru bejn is-snin 2013 u 2016.

37. Madanakollu, irrespettivament minn jekk sarux fis-sena 2011 jew fis-sena 2016, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi ma saret ebda azzjoni interpellatorja qabel it-28 ta' Jannar 2021, u għalhekk, ċertament il-perjodu ta' tmintax-il xahar kien oltre li skada, bir-riżultat illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija milquta bil-preskrizzjoni w din il-kawża QATT MA MESSHA SARET!

38. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 jimmerita illi jintlaqa'.

**KONKLUŻJONI**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa' l-ewwel eccezzjoni** ta' l-intimati, u għalhekk, filwaqt illi:

**Tiddikjara** illi t-talbiet rikorrenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk:

**Tiċħad it-talbet rikorrenti kollha.**

Spejjeż kollha għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**